MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1562/2001/1

Avviz numru: 1562/01AE

**Allied Insurance Agency Limited agenta ghall-Middle Sea Insurance plc u din kif surrogata fid-drittijiet tas-sinjuri Joseph Attard u Joseph Bezzina kemm f'isimhom proprju u kif ukoll f'isem id-ditta Attard & Bezzina**

**vs**

**Michael Frendo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) rapprezentanti danni sofferti fil-fond maghruf bhala Salon D'Elegance fil-pussess tad-ditta assigurata wara

maltempata li grat fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Novembru 1999 u granet precedenti, liema danni sehhew ghaliex il-konvenut naqas milli jkahhal il-hajt tal-fond tieghu u b'rizultat li l-ilma tax-xita dahal fil-hajt tal-fond tieghu ghal gewwa l-fond fil-pussess tad-ditta assigurata.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 8) u li permezz taghha ddikjara:

1. Li qabel xejn il-kumpannija attrici ghandha taghti prova tas-surroga.

2. Illi t-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi hemm pendenti kawza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance plc vs Michael Frendo** (avviz numru: 200/01) li tirrigwarda l-istess incident f'post iehor u li fiha gie nominat perit tekniku.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Ra n-noti ta' sottomissjonijietipprezentati mill-kontendenti.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta dwar perkolazzjoni ta' ilma gewwa s-Salon d'Elegance li grat f'Novembru 1999 u hsara kkagunata fl-istess fond.

2. Il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta, issottolineja li:

(a) Skond id-dokument li hemm ezebit a fol. 20, jirrizulta li l-hlas lill-assigurat sar mill-kumpannija Allied Insurance Services Ltd, li m'hijiex parti ghal dawn il-proceduri.

(b) Il-kawza giet intavolata mill-kumpannija Allied Insurance Agency Limited bhala agent tal-Middle Sea Insurance plc.

Certament li kien ikun iktar korrett u lejali da parti tal-konvenut, ghallinqas ghal dak li jirrigward l-paragrafu (b), li din l-eccezzjoni titressaq fir-risposta ghall-avviz tal-talba u mhux fl-ahhar tal-proceduri. F’kull kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax jiskarta dawn il-fatti sollevati mill-konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu.

3. Mill-atti jirrizulta (ara dok. LC4 a fol. 20) li l-hlas sar mill-kumpannija Allied Insurance Services Ltd. Fil-fatt il-Form of Acceptance & Discharge tikkonferma li s-sid tal-fond ircieva l-hlas **“in full and final settlement of all claims, present and future against Allied Insurance Services Ltd”**. Min-naha l-ohra l-kawza giet intavolata minn ***“Allied Insurance Agency Limited agenta ghall-Middle Sea Insurance plc u din kif surrogata fid-drittijiet tas-sinjuri Joseph Attard u Joseph Bezzina kemm f’isimhom proprju u kif ukoll f’isem id-ditta Attard & Bezzina”***.

4. Huwa maghruf li proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huma min-natura taghhom informali, fejn wiehed m’ghandux joqghod jintilef f’hafna formalizmu zejjed. Madankollu, wiehed ma jistax jinsa u jwarrab principji li huma bazilari meta tigi prezentata kawza u sabiex l-attur jirnexxi fit-talba tieghu. Fil-kaz in kwistjoni:

(a) Il-kawza ma jirrizultax li giet intavolata mill-persuna li effetwat il-hlas. Is-socjeta attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni kif il-hlas sar minn Allied Insurance Services Ltd u l-kawza giet intavolata minn persuna ohra. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova, u f’dan il-kaz l-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta attrici. Iktar u iktar meta l-konvenut ecepixxa li l-kumpannija attrici kellha taghti prova tas-surroga taghha.

(b) Imbaghad hemm il-kwistjoni li l-kumpannija Allied Insurance Agency Limited jidher li ntavolat il-kawza bhala agent tal-Middle Sea Insurance plc. Huwa maghruf

li l-mandatarju ma jistax jipprezenta kawzi f'isem il-mandant tieghu f'kaz li dan ta' l-ahhar ikun prezenti Malta. L-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li l-mandatarju ma jistax joqghod fil-kawza bhala attur jew konvenut, *"meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gzira li fiha l-kawza ghandha ssir…"*. Anke f'dan ir-rigward l-azzjoni ntavolata mill-kumpannija Allied Insurance Agency Limited tippekka, ghaliex huwa maghruf minn kullhadd (u dwar dan m'hemm bzonn ta' ebda prova) li l-kumpannija Middle Sea Insurance plc hija kumpannija registrata Malta.

5. Rinfaccjat b'dawn il-fatti t-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, salv u mpregudikat kwalsiasi drittijiet li jista' jkollhom terzi fil-konfront tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**